A.L. 168 ta' l-1990

ATT TA' L-1989 DWAR AWTORITÀ DWAR IT-TRASPORT PUBBLIKU (ATT NRU. IX TA' L-1989)

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

Ordni ta' l-1990 li Jemenda r-Regolamenti dwar Omnibusijiet bil-Mutur (Servizz 'Scheduled' u 'Unscheduled')

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 28 ta' l-Att ta' l-1989 dwar Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku, il-Prim Ministru għamel dan l-ordni li ġej:—

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1990 li Jemenda r-Regolamenti dwar Omnibusijiet bil-Mutur (Servizz 'Scheduled' u 'Unscheduled'), u l-emendi li jseħħu bih għandhom jinqraw u jiftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1978 dwar Omnibusijiet bil-Mutur (Servizz 'Scheduled' u 'Unscheduled'), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 11 ta' l-1978.

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok il-paragrafi (2) u (3) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:—

"(2) L-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku jkollha s-setgħa li tispezzjona u tikkontrolla l-attivitajiet ta' l-imsemmija Uffiċċji Ċentrali.

(3) L-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku u/jew kull uffiċjal pubbliku awtorizzat mill-Ministru responsabbli għat-turismu jkollhom is-setgħa li jispezzjonaw u jikkontrollaw l-attivitajiet kollha ta' l-Uffiċċju Ċentrali għal Servizzi *Unscheduled*.".

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

3. Fil-paragrafu (2) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "(suġġett għall-approvazzjoni ta' l-Uffiċċju tat-Trasport Pubbliku ta' l-Uffiċċju tal-Prim Ministru)" għandhom jidħlu l-kliem "(suġġett għall-approvazzjoni ta' l-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku)".